

# Joseph Briffa (1901-1987)

## *Pitter il-Koppla tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ*




**Kitba ta' Dr. Joseph F. Grima**
**PhD, MA, BA(Hons.), Dip. Educ., MIM**


Wieħed mill-aħjar pitturi li pproduċiet Malta fis-seklu għoxrin,bla dubju ta' xejn, kien il-karkariż Joseph Briffa. Permezz tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, Ħal Qormi niseġ assoċjazzjoni viżibbli ħafna ma' dan l-artist, rabta li kompliet issaħħaħ dak il-ħsieb f'moħħ missirijietna li dejjem jistinkaw biex fit-tempju tagħhom ma jkollhomx xogħlijiet ħlief ta' l-aħjar esponenti kurrenti tal-*milieu* artistiku Malti.

### Trawwim Artistiku

Joseph Briffa twieled fit-12 ta' Mejju 1901, iben Ġużeppi u Carmela nèe Sammut. Trabba f'ambjent artistiku billi missieru kien dekoratur tajjeb ħafna li ħadem u wera t-talenti tiegħu l-aktar fil-knejjes. Joseph studja fil-Kulleġġ De La Salle iżda l-aqwa mħabba tiegħu kienet l-arti li l-ewwel xorobha mingħand missieru u mbagħad kompla jistudjaha formalment fl-Iskola ta' l-Arti fil-Belt. Fl-Ewwel Gwerra Dinjija daħal fis-servizz militari fl-1916 iżda xorta waħda ħa lezzjonijiet tad-disinn u *model drawing* għand il-pittur qormi Ġużè Duca u, wara li ntemmet il-gwerra, studja l-kulur għand il-magħruf Edward Caruana Dingli.

Pitter kwadri għas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba u l-Knisja Parrokkjali ta' Sant'Elena, it-tnejn f'Birkirkara, xogħlijiet li għenuh jakkwista borża ta' studju fl-1926 fl-*Accademia Regia delle Belle Arti* f'Ruma fuq rakkomandazzjoni tal-magħruf pittur żebbuġi Lazzaro Pisani. Dam Ruma sa l-1930 u hemmhekk studja wkoll fil-Akkademja Ingliża ta' l-Arti. F'Ruma l-istudji tiegħu kkonċentraw fuq ir-ritratt, il-kulur u n-*nudo*.

Lura Malta, fejn iżżewweġ lil Rożina Muscat, beda jingħata diversi kummissjonijiet, uħud minnhom ta' kobor u prestiġju. Niftakru li fl-1930 u fl-1932 mietu rispettivament il-pitturi magħrufa Giuseppe Calì u Lazzaro Pisani u għalhekk Briffa bħal daħal fil-vojt li ħallew fix-xogħol tad-dekorazzjonijiet tal-knejjes. Fl-1934 temm il-pittura tas-saqaf u l-koppla tal-Bażilika ta' l-Isla, xogħol ambizzjuż dwar ir-rebħa ta' l-Assedju l-Kbir ta' l-1565. Hi tassew ħasra li dan ix-xogħol ferm tajjeb inqered bil-bombi ta' l-għadu fit-Tieni Gwerra Dinjija.

### Pittura f'Ħal Qormi

Fl-1938, Briffa temm ipitter il-koppla u l-erba' pendenti tagħha fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi. Wara li nqerdet il-pittura tiegħu fl-Isla, ix-xogħol f'Ħal Qormi jitqies bħala l-aħjar xogħol dekorattiv li ħallielna. Il-kritiku ta' l-arti Dr Mario Buhagiar hu tal-fehma li din il-pittura *hi żgur superjuri għall-pittura tiegħu fi knejjes oħra bħal, ngħidu aħna, dik ta' San Pawl tal-Wied, Birkirkara u tal-parroċċa ta' Ħal Kirkop*, u jkompli jispjega li *fiha huwa segwa l-eżempji ta' Giuseppe Calì fil-koppla ta' Ħal Lija u ħoloq kompożizzjoni enormi li ddur dawra mejt ma' l-iskutella tal-koppla.*



***Il-pittura tal-koppla li turi l-attakk tal-Mori fl-1429, xogħol ta' Joseph Briffa. Bħalissa qed tiġi restawrata.***
***(Ritratt: Frendo Photographics, Qormi)***

Is-suġġett tal-pittura hi l-assedju ta' l-Imdina fl-

1429 meta Malta invadewha l-Mori tat-Tuneżija b'armata ta' madwar 18,000 ruħ.

Ħallew ħerba kullimkien u, minn popolazzjoni ta' madwar 10,000 inqabdu 'l fuq minn 3,000 Malti li ttieħdu fil-jasar.

Għalkemm assedjaw l-Imdina, għal xi raġuni mhux magħrufa l-Mori ma rebħuhiex u telqu minn Malta. Iżda ma' dan l-assedju hemm marbutin diversi leġġendi, fosthom dik li tirrakkonta l-miġja ta' San Pawl, San Ġorġ u Sant'Agata fuq is-swar biex jgħinu lill-Maltin ireġġgħu lura lill-Mislem. U appuntu din il-leġġenda hi s-suġġett tal-pittura tal-koppla.



*Pittura li turi l-Papa San Gelazju fuq waħda mill-pendenti tal-koppla, xogħol ta' Joseph Briffa.*
*(Ritratt: Frendo Photographics, Qormi)*

Bħalma jixraq, San Ġorġ riekeb fuq żiemel abjad jiddomina ċ-ċentru tal-kompożizzjoni pittorika li hi waħda movimentata ħafna mimlija bi gwerrieri jissieltu, flimkien ma' armi u inġenji tal-gwerra, pittura li, skond Buhagiar, *teknikament u kromatikament għandha merti konsiderevoli u ċerti passaġġi huma tassew sbieħ*. Ta' min wieħed iżid li, oriġinarjament, fl-abbozz Briffa kien pitter lil San Ġorġ bil-wieqfa iżda għalina l-Qormin dan il-qaddis u ż-żiemel huma sinonimi u allura l-pittur ċeda għall-ħsieb, il-qalb u x-xewqa Qormija.

Briffa pitter ukoll l-erba' pendenti tal-koppla u hawnhekk wera ċerta oriġinalità. F'ħafna knejjes, dawn il-lunetti nsibuhom bl-erba' evanġelisti jew b'xi profeti iżda Briffa m'għamilx hekk. Minflok, hu għażel u ħalla mpittrin erba' qaddisin li kitbiethom torbothom mal-qaddis titulari tal-parroċċa, San Ġorġ. Għalhekk dawn jirrappreżentaw lil San Girgor Papa, San Ġwann Krisostmu, San Pier Damiani u San Gelazju.

## Xi Xogħol Ieħor

Joseph Briffa kien pittur prolifiku u għandu ħafna xogħlijiet ta' arti sagra mxerrdin ma' diversi knejjes inklużi l-pittura kollha tal-Knisja Parrokkjali tas-Sokkors u l-Knisja ta' Santa Luċija, it-tnejn f'Kerċem, Għawdex; sett kwadri biex jinħadmu bil-mużajk fil-Bażilika ta' Pinu, Għawdex; żewġ kwadri laterali fuq il-bibien tal-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu, il-Ħamrun; il-pittura kollha tas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba u tal-Knisja ta' San Pawl, it-tnejn f'Birkirkara; il-kwadru titulari u oħrajn laterali fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġwann; il-pittura kollha u l-kwadru titulari tal-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù fin-Nadur, Għawdex; arzella u pitturi oħrajn fil-Knisja Parrokkjali tal-Gżira; il-pittura kollha tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop; u l-arzelli laterali tal-Knisja ta' Sant'Antnin f'Għajnsielem, Għawdex.

Briffa ma pittirx arti sagra biss. Kien ritrattista tajjeb ħafna u kien surmast tan-*nudo*. Kien ukoll għalliem ta' l-arti u ħadem bħala restawratur ta' l-arti fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti. Fl-1977 inħareġ sett ta' tliet bolol postali, li juru korazzi tal-Kavallieri ta' San Ġwann, maħdumuin fuq disinji tiegħu.

Joseph Briffa baqa' jaħdem sa l-aħħar, sakemm kellu 'l fuq minn 80 sena. Miet nhar it-13 ta' Jannar 1987.

---

**REFERENZI:**


A. Briffa, "Ġużeppi Briffa - Pittur (1901-1987)", *Il-Mument*, 6.v.2001.

M. Buhagiar, "Xogħlijiet ta' Arti u Artiġjanat fil-Knisja ta' San Ġorġ", *Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ Ħal Qormi - Erba' Sekli ta' Storja*, editur J.F. Grima, Malta 1984.

J.F. Grima, "The 1429 Moorish Attack on Malta", *Kultura*, Vol. I Nru. 9, Ottubru 1993.

P. Mizzi, "Contemporary Maltese Artists - Joseph Briffa", *Heritage*, Vol.I, Malta 1979.




For any Flower Orders Contact
Millenium Flower
256, Victory Street, Qormi
Tel: 2148 7364, 2149 9237 Mob: 9946 5984
